

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-26 ta' Ġunju 2014****dwar formati għar-rappurtar dwar il-programmi nazzjonali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE***(notifikata bid-dokument C(2014) 4208)**(2014/431/UE)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 17(4) tagħha,

Billi:

- (1) L-Istati Membri huma meħtieġa jħejju rapporti dwar il-programmi nazzjonali tagħhom għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/271/KEE u jekk ikun neċessarju, kull sentejn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju, b'aġġornament tal-informazzjoni fuq il-bażi tal-formati mfassla mill-Kummissjoni.
- (2) L-Unjoni hija mpenjata li timmassimizza l-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni billi ttejjeb l-implimentazzjoni, inkluż billi tiżgura li l-pubbliku jkollu aċċess għal tagħrif ċar li juri kif qed tiġi implimentata. Sistemi li attivament ixerrdu din l-informazzjoni għandhom jiġu implimentati f'livell nazzjonali, u għandhom jiġu kumpliementati permezz ta' ħarsa ġenerali fil-livell tal-UE tal-prestazzjoni tal-Istati Membri individwali ⁽²⁾.
- (3) Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Inizjattiva Ewropea taċ-Ċittadini "L-Ilma u s-sanià huma dritt tal-bniedem! L-ilma huwa ġid pubbliku, mhux komodità" ⁽³⁾ impenjat ruħha li tagħmel l-informazzjoni dwar l-ilma mormi urban iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini, b'mod partikolari permezz ta' ġestjoni u tixrid sempliċi u trasparenti tad-dejta.
- (4) Il-modifiki introdotti b'din id-Deċiżjoni jibnu fuq l-eżerċizzju pilota li jistabbilixxi Qafas Strutturat ta' Implimentazzjoni u Informazzjoni bħala parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżviluppa qafas regolatorju sempliċi, ċar, stabbli u prevedibbli għan-negozji, għall-ħaddiema u għaċ-ċittadini, bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiżdied it-trasparenza ⁽⁴⁾.
- (5) Il-formati adottati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/481/KEE ⁽⁵⁾ jeħtieġu reviżjoni filwaqt li tiġi kkunsidrata l-hteġa għal simplifikazzjoni u żieda fit-trasparenza, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u approċċi ġodda għall-ġestjoni u r-rappurtar tad-dejta. Għalhekk dik id-Deċiżjoni għandha tiġi mibdula.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 91/271/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-formati għar-rappurtar fuq il-programmi nazzjonali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/271/KEE previsti fl-Anness huma adottati.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 93/481/KEE ġiet irrevokata.

⁽¹⁾ ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).⁽³⁾ COM(2014) 177 final.⁽⁴⁾ COM(2012) 746 final.⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/481/KEE tat-28 ta' Lulju 1993 li tikkonċerna l-format ta' kif għandhom jiġu ppreżentati l-programmi nazzjonali kif previst mill-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE (ĠU L 226, 7.9.1993, p. 23).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni
Janez POTOČNIK
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

IL-PROGRAMM GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 91/271/KEE

Tabella 1

Informazzjoni Bażika

Stat Membru:	
Data tar-rapport:	
Data ta' referenza użata għall-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' konformità jew skadenzi pendenti (Tabelli 2 u 3):	
L-Isem tal-Persuna ta' Kuntatt għar-rappurtar ⁽¹⁾ :	
Istituzzjoni:	
Triq:	
Kodiċi Postali:	
Belt:	
Telefon:	
Email:	
Xi rimarki oħrajn:	

⁽¹⁾ Id-dejta personali (isem, telefon, eċċ.) għandha tiġi rreġistrata skont l-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

Stat Membru:

Tabella 2

A — Sistemi ta' ġbir jew IAS ⁽¹⁾ ta' agglomerazzjonijiet ta' 2 000 e.p. u ta' aktar minn 2 000 e.p. mhux konformi fid-data ta' referenza

Dejta Bażika dwar l-Agglomerazzjoni				Artikolu 3 — sistemi ta' ġbir u miżura(i) IAS							
ID tal-agglomerazzjoni ⁽²⁾	Isem l-agglomerazzjoni	Status tal-agglomerazzjoni	Raġuni(jiet) identifikati għan-non-konformità	Il-miżura(i) prevista(i) biex tintlaħaq konformità mal-Artikolu 3 (sistemi ta' ġbir u l-IAS)	Id-data jew id-data prevista għat-tlestija tal-miżuri preparatorji għas-sistema ta' ġbir jew tal-IAS (l-ippjanar, id-disinn, l-akkwist, il-kunsens meħtieġ fil-livell tal-Istati Membri eċċ) ⁽³⁾	Id-data tal-bidu jew id-data tal-bidu prevista għal xogħlijiet fuq sistemi ta' ġbir jew l-IAS	Data prevista għat-tlestija tax-xogħlijiet fuq is-sistema ta' ġbir jew fuq l-IAS	L-ispiża mbassra tal-investment għas-sistema ta' ġbir jew l-IAS (skont il-pjan nazzjonali)	Isem il-fond tal-UE li huwa maħsub biex jintuża biex titlesta s-sistema ta' ġbir jew l-IAS (jekk applikabbli) ⁽⁴⁾	Ammont ta' fondi tal-UE (previsti) li x'aktarx jiġu mitluba biex titlesta s-sistema ta' ġbir jew l-IAS (jekk applikabbli)	Kwalunkwe kumment dwar is-sistema ta' ġbir jew l-IAS
		Mhux konformi (MK)			(xx/ssss)	(xx/ssss)	(xx/ssss)	EUR		EUR	
		MK									
		MK									

⁽¹⁾ Sistemi individwali jew Sistemi Adegwati (l-Artikolu 3.1 tad-Direttiva)

⁽²⁾ l-istess ID tal-agglomerazzjoni użat għar-rappurtar skont l-Artikolu 15(4)

⁽³⁾ Meħtieġa biss jekk il-bini tas-sistema ta' ġbir jew l-IAS ma jkunx beda fid-data ta' referenza

⁽⁴⁾ Eż. il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), Self mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), Self mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), il-Fond għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Efficienza tal-Enerġija (EPEEF), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE),...

B — Sistemi ta' ġbir jew l-IAS ta' agglomerazzjonijiet ta' 2 000 e.p u ta' aktar minn 2 000 e.p. li għalihom kienu jeżistu skadenzi pendenti ⁽¹⁾ fid-data ta' referenza

Dejta Bażika dwar l-Agglomerazzjoni			Artikolu 3 — sistemi ta' ġbir u miżura(i) tal-IAS							
ID tal-agglomerazzjoni ⁽²⁾	Isem l-agglomerazzjoni	Status tal-agglomerazzjoni	Il-miżura(i) prevista(i) biex tintlaħaq konformità mal-Artikolu 3 (sistemi ta' ġbir u l-IAS)	Id-data jew id-data prevista għat-tlestija tal-miżuri preparatorji għas-sistema ta' ġbir jew tal-IAS (l-ippjanar, id-disinn, l-akkwist, il-kunsens meħtieġ fil-livell tal-Istati Membri eċċ) ⁽³⁾	Id-data tal-bidu jew id-data tal-bidu prevista għal xogħlijiet fuq sistemi ta' ġbir jew l-IAS	Data prevista għat-tlestija tax-xogħlijiet fuq is-sistema ta' ġbir jew fuq l-IAS	L-ispiża mbassra tal-investiment għas-sistema ta' ġbir jew l-IAS (skont il-pjan nazzjonali)	Isem il-fond tal-UE li huwa maħsub biex jintuża biex titlesta s-sistema ta' ġbir jew l-IAS (jekk applikabbli) ⁽⁴⁾	Ammont ta' fondi tal-UE (previsti) li x'aktarx jiġu mitluba biex titlesta s-sistema ta' ġbir jew l-IAS (jekk applikabbli)	Kwalunkwe kumment dwar is-sistema ta' ġbir jew l-IAS
		Skadenzi pendenti (SP)		(xx/ssss)	(xx/ssss)	(xx/ssss)	EUR		EUR	
		SP								
		SP								

⁽¹⁾ Inklużi dawk l-iskadenzi stabbiliti mit-Trattati ta' Adeżjoni

⁽²⁾ l-istess ID tal-agglomerazzjoni użat għar-rappurtar skont l-Artikolu 15(4)

⁽³⁾ Meħtieġa biss jekk il-bini tas-sistema ta' ġbir jew l-IAS ma jkunx beda fid-data ta' referenza

⁽⁴⁾ Eż. il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), Self mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), Self mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), il-Fond għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Effiċjenza tal-Enerġija (EPEEF), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE),...

Stat Membru:

Tabella 3

A — Impjanti għat-trattament tal-ilma urban mormi (UWWTP) għall-agglomerazzjonijiet ta’ 2 000 e. p u ta’ aktar minn 2 000 e.p. mhux konformi fid-data ta’ referenza ⁽¹⁾

Dejta bażika dwar l-UWWTP						L-Artikli 4,5 u 7 ⁽²⁾ miżura(i) tal-UWWTP											
ID tal-UWWTP ⁽³⁾	Isem l-UWWTP	ID(s) tal-agglomerazzjoni (jiet) servuta(i)	Isem(ismijiet) tal-agglomerazzjoni (jiet) servuta(i)	Status tal-UWWTP	Raġuni(jiet) identifikati għan-non-konformità	Il-miżura(i) biex tinkiseb il-konformità għall-UWWTP	Tagħbija li tidħol fil-UWWTP fid-data prevista ta' konformità (kif ippjanat)	Kapaċità organika tad-disinn tal-UWWTP (kif ippjanat)	Tip ta' trattament fil-UWWTP (kif ippjanat)	Id-data jew id-data prevista ta' tlestija ta' miżuri preparatorji (l-ippjanar, it-tfassil, eċċ) ⁽⁴⁾	Id-data jew id-data prevista għall-bidu tax-xogħlijiet	Id-data jew id-data prevista għat-tlestija tax-xogħlijiet	Data prevista ta' konformità (12-il xahar ta' kampjuni)	L-ispiża mbassra tal-investment meħtieġ għall-UWWTP (skont il-pjan nazzjonali)	Isem il-fond tal-UE maħsub biex jintuża (jekk applikabbli) ⁽⁵⁾	L-ammont (previst) ta' finanzjam-ent tal-UE meħtieġ	Kwalunk-we kumment rilevanti dwar il-UWWTP
				Mhux konformi (MK)	Eż. disinn inadegwat/ obsolexxenza/ rekwiżiti ġodda/ żieda tat-tagħbija/ operazzjoni difettuża/...		e.p.	e.p.	1, 2, 3-N, 3-P, 3-mikrobioloġija 3-oħra	(xx/ssss)	(xx/ssss)	(xx/ssss)	(xx/ssss)	EUR		EUR	
				MK													
				MK													

⁽¹⁾ L-informazzjoni dwar il-livell tal-impjanti individwali ta' agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 10 000 e.p., fir-rigward tan-nuqqas tan- nitroġenu u t-tneħħija tal-fosfru, mhix meħtieġa skont id-Direttiva għal żoni sensitivi fejn jista' jintwera' li l-perċentwal minimu ta' tnaqqis tat-tagħbija totali li tidħol fl-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban l'dik iż-żona huwa mill-inqas 75 % tal-fosfru kollu u mill-inqas 75 % tan-nitroġenu kollu fid-data ta' referenza

⁽²⁾ L-Artikolu 7 jirreferi biss għall-agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 10 000 p.e. li jiġu skarikati fl-ilmijiet kostali

⁽³⁾ L-istess ID tal-UWWTP użat għar-rappurtar skont l-Artikolu 15(4)

⁽⁴⁾ Meħtieġ biss jekk il-bini tal-UWWTP ma jkunx beda fid-data ta' referenza

⁽⁵⁾ Eż. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regionali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), Self mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), Self mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), il-Fond għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Effiċjenza tal-Enerġija (EPEEF), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), ...

B — Impjanti għatt-trattament tal-ilma urban mormi għall-agglomerazzjonijiet ta’ 2 000 e.p u ta’ aktar minn 2 000 e.p. u li għalihom kienu jeżistu skadenzi pendenti ⁽¹⁾ fid-data ta’ referenza

Dejta bażika dwar l-UWWTP						L-Artikli 4,5 u 7 (9) miżura(i) tal-UWWTP										
ID tal-UWWTP (9)	Isem l-UWWTP	ID(s) tal-agglomerazzjoni (jiet) servuta(i)	Isem(ismijiet) tal-agglomerazzjoni (jiet) servuta(i)	Status tal-UWWTP	Il-miżura(i) biex tinkiseb il-konformità meħtieġa għall-UWWTP	Tagħbija li tidħol fil-UWWTP fid-data prevista ta' konformità (kif ipplanat)	Kapaċità organika tad-disinn tal-UWWTP (kif ipplanat)	Tip ta' trattament fil-UWWTP (kif ipplanat)	Data tad-data prevista ta' tlestija ta' miżuri preparatorji (l-ippjanar, it-tfassil, eċċ) (9)	Id-data jew id-data prevista għall-bidu tax-xogħlijiet	Id-data jew id-data prevista għat-tlestija tax-xogħlijiet	Data prevista ta' konformità (12-il xahar ta' kampjuni)	L-ispiża mbassra tal-investment meħtieġ għall-UWWTP (skont il-pjan nazzjonali)	Isem il-fond tal-UE maħsub biex jintuża — UWWTP (jekk applikabbli) (9)	L-ammont (previst) ta' finanzjament tal-UE meħtieġ	Kwalunkwe kumment rilevanti dwar il-UWWTP
				Skadenzi pendenti (SP)		e.p.	e.p.	1, 2, 3-N, 3-P, 3-mikrobioloġija 3-oħra	(xx/sss)	(xx/sss)	(xx/sss)	(xx/sss)	EUR		EUR	
				SP												
				SP												

⁽¹⁾ Inklużi dawk l-iskadenzi stabbiliti mit-Trattati ta' Adeżjoni jew permezz tad-definizzjoni ta' żoni sensitivi (Artikolu 5)

⁽²⁾ L-informazzjoni dwar il-livell tal-impjanti individwali ta' agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 10,000 e.p., fir-rigward tan-nuqqas tan- nitroġenu u t-teħhija tal-fosfru, mhix meħtieġa skont id-Direttiva għal żoni sensitivi fejn jista' jintwera' li l-perċentwal minimu ta' tnaqqis tat-tagħbija totali li tidħol fl-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban f'dik iż-żona huwa mill-inqas 75 % tal-fosfru kollu u mill-inqas 75 % tan-nitroġenu kollu fid-data ta' referenza

⁽³⁾ L-istess ID tal-UWWTP użat għar-rappurtar skont l-Artikolu 15(4)

⁽⁴⁾ Meħtieġ biss jekk il-bini tal-UWWTP ma jkunx beda fid-data ta' referenza

⁽⁵⁾ Eż. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regionali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), Self mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), Self mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), il-Fond għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Efficijenza tal-Enerġija (EPEEF), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), ...

Stat Membru:

Tabella 4

Kapaċità organika totali tad-disinn u l-ispejjeż attwali u previsti tal-investment fil-livell nazzjonali

Il-perjodu kopert	Is-sitwazzjoni attwali u prevista	Kapaċità organika totali tad-disinn u l-ispejjeż attwali u previsti tal-UWWTPs kollha fi tmiem il-perjodu	Spejjeż tal-investment attwali jew previsti tas-sistemi ta' ġbir (ġodda u mġedda)	Spejjeż tal-investment attwali jew previsti tal-impjanti tat-trattament (ġodda u mġedda)
	Attwali/Previsti	e.p.	Miljun Euro ⁽²⁾	Miljun Euro ⁽²⁾
mill-1 ta' Jannar xxxx sa tmiem xxxx ⁽¹⁾	Attwali			
mill-1 ta' Jannar xxxx sa tmiem xxxx	Prevista			
mill-ta' Jannar xxxx sa tmiem xxxx	Prevista			
mill-ta' Jannar xxxx sa tmiem xxxx	Prevista			
mill-ta' Jannar xxxx sa tmiem xxxx	Prevista			
mill-ta' Jannar xxxx sa tmiem xxxx	Prevista			
mill-ta' Jannar xxxx sa tmiem xxxx	Prevista			
mill-ta' Jannar xxxx sa tmiem xxxx	Prevista			

⁽¹⁾ Agħżel l-aħħar perjodu jew sena magħrufa

⁽²⁾ Indika euros fil-prezz attwali u aġti data ta' referenza (f'xx/sss) u jekk il-VAT hijiex inkluża jew le.

Stat Membru:

Tabella 5

Kwistjonijiet oħra li jridu jiġu kkunsidrati għall-abbozzat tal-programm nazzjonali
Informazzjoni rilevanti, jekk disponibbli, għandha tiġi pprovduta bħala test ħieles ⁽¹⁾

Suġġett	Preżenti fil- programm
L-Istatus tal-programm nazzjonali	Meta ġie stabbilit il-programm nazzjonali, u meta ġie aġġornat, jekk kien neċessarju? Il-programm nazzjonali ġie adottat bħala strument legalment vinkolanti? Jekk iva, liema wieħed? Għal kemm żmien huwa previst li jdum għaddej il-programm nazzjonali? ...
Muturi ewlenin	Liema huma l-muturi ewlenin fil-programm nazzjonali: li tintlaħaq il-konformità, li jkunu żgurati l-manteniment jew it-tiġdid, eċċ? Huwa possibbli li jkun hemm analiżi tal-ispejjeż assoċjati għal kull wieħed? ...
Relazzjonijiet ma' partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE	Sa liema punt ġew inklużi l-azzjonijiet fil-programm nazzjonali fil-pjanijiet rilevanti ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ Minkejja kwistjonijiet sensitivi indikati skont id-Direttiva 91/271/KEE, il-programm nazzjonali jinkludi azzjonijiet xprunati miż-żoni protetti msemmija fl-Anness IV tad-Direttiva 2000/60/KE (l-ilmijiet għall-għawm, Natura 2000, frott tal-baħar, ilma tax-xorb...)? Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi dawn l-azzjonijiet. Il-programm nazzjonali ġie suġġett għal valutazzjoni skont id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji. Hemm xi rabta bejn il-programm nazzjonali u t-tnaqqis progressiv ta' skariki, emissjonijiet u telf ta' sustanzi prijoritarji, u l-waqfien jew l-eliminazzjoni gradwali tal-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi (l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE)? Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi l-azzjonijiet. Hemm xi rabta bejn il-programm nazzjonali u d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ (eż. tnaqqis ta' skart tal-baħar)? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji. Hemm xi rabta bejn il-programm nazzjonali u l-konvenzjonijiet internazzjonali jew l-Kummissjonijiet? Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi dawn ir-rabtiet. Hemm xi azzjoni prevista biex jifasslu żoni sensitivi addizzjonali skont l-Anness II.A(c) tad-Direttiva 91/271/KEE? Jekk iva, iddeskrivi dawn l-azzjonijiet. Hemm xi azzjoni prevista biex jiġi applikat trattament aktar strett għall-konformità mal-Artikoli 4.3 jew 5.3 u l-Anness I. B. 4 tad-Direttiva 91/271/KEE? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji. ...
L-użu tal-fondi tal-UE	X'inhu l-ammont imbassar tal-fondi tal-UE għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-programm nazzjonali? Kif qed jitqassmu l-fondi tal-UE użati? ...
Sistemi tal-informazzjoni	IL-programm nazzjonali qed jiġi ppubblikat onlajn? Fejn? Hemm xi sistema onlajn li tippermetti l-intraċċar tal-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali fuq bażi regolari? Jekk jogħġbok agħti d-dettalji. ...

Suġġett	Preżenti fil- programm
Rekwiżiti oħra tad-Direttiva 91/271/KEE	Hemm xi azzjoni meqjusa bħala meħtieġa biex tiġi żgurata prestazzjoni adegwata tal-UWWTP skont il-kundizzjonijiet klimatiċi normali kollha (l-Artikolu 10 u l-Anness I.B)? Hemm xi azzjoni prevista biex jitnaqqas it-tifwir tal-ilma mill-maltempati (l-Artikolu 3. 2 u l-Anness I.A)? Hemm xi azzjoni prevista biex jiġi implimentat l-Artikolu 7? Hemm xi azzjoni prevista biex jiġi ppromoss l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat (l-Artikolu 12.1)? Hemm xi azzjoni prevista biex jiġi implimentat l-Artikolu 14 dwar il-ġestjoni tal-ħama? Hemm xi azzjoni prevista biex jitnaqqas ir-rimi tal-ilma industrijali mormi li jiġi skarikat f'sistemi ta' ġbir biex jiġi żgurat li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Anness I.C? ...
Oħrajn	Agħti d-dettalji ta' kwalunkwe riċerka li għaddejja jew prevista fir-rigward ta' żviluppi innovattivi tal-politika ta' sanità. Hemm xi fondi tal-UE li qed jintużaw għal dan il-għan?

⁽¹⁾ Eż. programm nazzjonali eżistenti huwa meqjus bħala tweġiba għat-talba fit-tabella 5

⁽²⁾ Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

⁽³⁾ Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

⁽⁴⁾ Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).